# IL-POEŻIJA MALTIJA: DAK LI JINBIDEL U DAK LI JIBQA'

## Il-Polemika bejn it-Tradizzjonalisti u l-Modernisti

**Joseph Vella**

"Il-poeżija moderna, jekk tista' tissejjaħ poeżija, neħħiet il-metrika kollha. U meta tneħħi l-istanza, ir-ritmu u r-rima, x'jibqa' mill-poeżija?"

"Il-fatt li Dun Karm, li ta' qabilna sejħulu l-Poeta Nazzjonali, kien qassis, għalija ma setax ikun poeta, għax kien ippreġudikat."

Il-pubblikazzjoni ta' 'Linji Ġodda'* fl-1973, ħamsa u għoxrin sena wara l-ewwel ħarġa ta' 'Il-Muża'+ tat spinta għall-polemika, li għadha sejra, dwar il-valuri intrinsiċi, is-siwi letterarju, artistiku u filosofiku tal-Poeżija Moderna vis-à-vis dawk tal-Poeżija Tradizzjonali. Dawn li ġejjin huma ftit riflessjonijiet fuq din il-polemika u l-effetti li qed tħalli fuq l-istudenti.

### IT-TIBDIL ONTOLOĠIKU

It-tibdil ontoloġiku fir-realtà fenomenali hu fatt daqs kemm hi l-identità jew il-kontinwità ta' l-istess esseri. Dan il-paradoss li tant ħawwad l-ewwel filosfi griegi ħoloq żewġ pożizzjonijiet: teżi-antiteżi. Heraclitus isostni li kollox jinsab fi stat ta' tibdil, filwaqt li Parmenides u sħabu ta' l-iskola eleatika, jaffermaw il-moniżmu metafiżiku. Il-verità, kif sew qal Aristotile, hi fis-sinteżi ta' dan il-paradoss inerenti fil-permanenza u t-tibdil bħala żewġ karatteristiċi ta' l-istess realtà oġġettiva. Minn din is-sinteżi tibdil-unità jirriżulta d-dinamiżmu kollu li jinsab fid-dinja. Id-dinja mhix ħaġa statika, iżda proċess attiv li bih il-materja tieħu l-forma biex tipperfezzjona lilha nfisha. Dan il-proċess kosmiku hu kontinwu, u n-natura ma tagħmel xejn għal xejn għax il-ħlejjaq kollha kullimkien huma internament formati biex jilħqu l-perfezzjoni tagħhom.

---

* *Linji Ġodda*, Mitt Poeżija ta' Llum b'kummentarju kritiku minn Peter Serracino Inglott. Malta, KKM, 1978.

\+ *Il-Muża Maltija*, Antoloġija ta' Poeti Maltin miġbura minn Ġuże Aquilina. L-ewwel Edizzjoni, Malta. Aquilina, 1948.

Dan il-fatt paradossali tar-realtà fenomenali kien meħtieġ li nsemmuh biex nifhmu li kull tibdil, anki t-tibdil uman, ikun dak xjentifiku, ekonomiku, politiku, soċjali, reliġjuż jew letterarju, hu dejjem riżultat ta' dan it-tibdil ontoloġiku, għax jekk aħna, kollha kemm aħna, nikbru u ninbidlu minn ġewwa, anki minn barra ma jistax ikun li nibqgħu l-istess. Anzi hu minn dan id-dinamiżmu ta' tibdil li nħolqot il-letteratura bħala espressjoni tal-ġmiel, għax la l-manifestazzjoni tas-sabiħ tinbidel, jinbidlu wkoll il-forom estetiċi tal-letteratura.

### IT-TIBDIL FIL-POEŻIJA

Għalhekk it-tibdil letterarju (poetiku f'dan l-artiklu) hu essenzjali għax naturali, u min jipprova jwaqqfu jkun qed imur kontra n-natura nfisha. Iżda ma ninsewx ukoll li dan it-tibdil letterarju hu karatteristika waħda tar-realtà li hi wkoll kontinwità. U min jeħodha kontra t-tradizzjoni bħala xi ħaġa anakronistika u għalhekk mhix aktar meħtieġa fid-dinja moderna, ikun qed jiżbalja xorta waħda. It-tradizzjoni, isimha magħha 'traditio = trans-do', hi l-qofol ta' din il-kontinwità għax tgħaddi l-għerf tal-poeżija mill-bidu sal-lum, hekk kif it-tradizzjoni lhudija għaddiet il-Kodiċi możajka, it-tradizzjoni nisranija għaddiet it-tagħlim ta' Kristu, u kif it-tradizzjoni islamika għaddiet is-sunna ta' Moħammed, minn ġenerazzjoni għal oħra.

Għalhekk m'għandniex nagħtu l-impressjoni kerha tat-tradizzjoni billi niġbru l-poeti tal-imgħoddi kollha flimkien taħt l-isem ta' tradizzjonalisti/imitaturi li identifikaw il-kreazzjoni ma' l-imitazzjoni. Mhux il-modernisti biss jemmnu fil-kreattività, għax minn dejjem eżistew poeti ispirati u allura kreattivi. Wara kollox jekk inħarsu mis-sens etimoloġiku tal-kelma 'kreazzjoni' Alla biss kien 'kreattiv' għax kien Hu l-ewwel kawża ta' l-eżistenza ta' kulma hawn. L-ewwel poeta kien 'kreattiv' għax ipprova 'jimita' l-ġmiel tan-natura fi stil personali tiegħu li għażlu minn poeti oħra, huma wkoll imitaturi tan-natura. Bil-kliem 'stil personali' jew 'oriġinali' rrid nifhem li filwaqt li n-natura tirrepeti lilha nfisha l-ħin kollu fiċ-ċiklu naturali tagħha, il-bniedem, bħala xebh t'Alla l-Ħallieq, għandu l-potenzjal li jkompli l-opra kreattiva t'Alla, għax kapaċi jinkarna b'mod kreattiv l-arċitipi eterni tal-Ġmiel, tat-Tjubija u l-Verità fi ħsibijietu, kliemu u egħmilu, jiġifieri fix-xogħlijiet artistiċi tiegħu kollha. Hawn qiegħda l-ispirazzjoni kreattiva, id-dinamiżmu tal-poeta fl-imitazzjoni tiegħu tan-natura. U b'hekk nistgħu nitkellmu fuq 'imitazzjoni oriġinali', żewġ kunċetti li għall-ewwel jidhru jeskludu 'l xulxin.

### IMITAZZJONI ORIĠINALI

Dan l-isem kien ħareġ bih Pierre de Ronsard (1524-1585), il-mexxej tar-riforma poetika-franċiża li kienu sejħulha 'La Pléiade'. Infatti l-vrus poetiċi ta' Ronsard ifakkruna f'Pindaru u f'Orazju għax hu kien jemmen li kien meħtieġ timita lill-Klassiċi biex tikteb poeżija sabiħa, iżda dawn il-vrus jesprimu wkoll sentimenti veri u personali tiegħu. L-oriġinalità (jew l-emanċipazzjoni) ta' Ronsard qiegħda fiż-żewġ sentimenti profondi li kien

iħosshom jispirawh: l-imħabba lejn in-natura u l-imħabba lejn Marie, tfajla tal-kampanja.

Boileau wkoll żamm l-istess teorija ta' Ronsard għax kien igħid li l-materja ta' l-arti hi n-'Natura Umana', u li l-poeta għandu jfittixha bl-osservazzjoni diretta tal-bniedem, iżda kif il-Griegi u r-Rumani kienu ġa fissruha din in-natura b'perfezzjoni kbira, kien jaqbel li l-poeti jistudjawhom u jimitawhom. Iżda din l-imitazzjoni, kompla jgħid Boileau, m'għandhiex tkun skjavitù plaġjaristika imma imitazzjoni oriġinali, personali, fis-sens li l-poeta jesprimi idea wara li jkun ħassha u ġarrabha hu fil-kuxjenza tiegħu.

**IL-POLEMIKI LETTERARJI**

Meta l-baħar jitqalleb irid iż-żmien biex joqgħod. Hemm bżonn li kull tant jitqalleb biex ma jintinx għax fl-ilma qiegħed igħixu biss insetti żgħar u perikolużi. Il-ħut b'saħħtu jfittex il-ħalel. Iżda meta jerġa' joqgħod il-baħar il-perspettiva tiċċara u kollox jieħu postu kif għandu jkun.

Fid-dinja minn dejjem kien hawn polemiki letterarji. Biex insemmu waħda biss, tant kienet ħarxa u qalila fi Franza l-ġlieda bejn il-moderni u l-klassiċisti, 'la querelle des Anciens et des Modernes', li damet sejra aktar minn tletin sena u ħliet ħafna enerġija bla bżonn. Dak li kien meqjus bħala ħaġa essenzjali għall-poeżija mill-klassiċisti kien imwaqqa' għaċ-ċajt mill-modernisti, u viċi-versa. Fis-saħna ta' l-irjus il-perspettiva ġusta ntilfet għax l-aċċidentali deher aktar importanti mill-essenzjali. Fil-fatt Molière, Corneille, Racine, Bossuet, La Fontaine, kienu kbar mhux biss għax kienu ispirati mill-klassiċi griegi u rumani, iżda aktar għax kienu kbar huma nfushom. L-imitazzjoni weħedha ma tagħmlekx kbir jekk m'għandekx il-kreattività, l-oriġinalità, l-ispirazzjoni personali tiegħek biex timlieha.

Iżda fil-mumenti koroh tal-polemika, jista' jiġri li l-abjad jibda jidher mhux biss griż iżda iswed. Infatti l-imitazzjoni tal-klassiċi li tant dawlet imħuħ kbar fis-seklu sbatax fi Franza bdiet titqies bħala superstizzjoni mill-modernisti tas-seklu tmintax u l-awtorità tar-raġuni bdiet titqies bħala preġudizzju. Il-progress ħa post it-tradizzjoni, u l-indipendenza u r-relattività ħadu post l-awtorità. L-istorja tirrepeti ruħha b'mod differenti, iva, iżda tirrepeti ruħha xorta waħda, għax anki f'Malta l-polemika letterarja tas-sittinijiet għaddiet mill-istess toroq. Minħabba li l-poeżija maltija għadha siġra żgħira u li minn twelidha sa ftit snin ilu libset libsa waħda, konna drajnieha din il-libsa u identifikajna l-poeżija mar-romantiċiżmu. Għax ġenerazzjoni wara l-oħra trawmet fiha u fiha biss, konna ħsibna li biss fl-imitazzjoni tat-tematika u l-istilistika dunkarmjana tista' tgħix u tikber il-poeżija maltija. Min-naħa tagħha din il-mentalità magħluqa ta' difiża ma riedet lanqas tara d-dekadenza tar-romantiċiżmu malti, li kien riżultat tal-mewt tal-poeti kbar u tat-tibdil soċjali, politiku, ekonomiku u edukattiv li sar f'Malta f'dawn l-aħħar għoxrin sena.

Iżda sakemm tibqa' ħajja soċjetà, l-ispirazzjoni poetika ma tmut qatt. L-għajta tal-Modernisti tas-snin sittin kienet għajta ta' protesta kontra dak kollu li kien nobbli u essenzjali għall-poeżija romantika. Ir-reazzjoni,

isimha magħha, dejjem tkun ħarxa u s-soċjetà maltija ma kenitx ippreparata għaliha u ma laqgħethiex. Minflok li rtiraw, il-Modernisti żiedu fil-volum għax kienu jemmnu li dik kellha tkun it-triq tal-poeżija futura maltija. U f'dan kellhom raġun. Poeżija li m'għandhiex egħruqha aktar fil-qiegħ tal-ħamrija soċjali, m'hi poeżija xejn. U fejn kien l-impenn soċjali tal-poeżija romantika li baqgħet tinkiteb wara s-sittinijiet?

**L-INDIPENDENZA TA' L-1964**

L-indipendenza ta' l-1964 kienet data storika anki għal-letteratura tagħna. Mal-ħakma kolonjali mietet ukoll l-awtorità tat-tradizzjoni u ta' l-istituzzjonijiet maltin u flokhom daħlet l-indipendenza tal-ħsieb ħieles minn kull irbit soċjali, ekkleżjastiku u letterarju. Hu fatt li m'hemmx vera indipendenza nazzjonali mingħajr maturità soċjali u kull maturità tesiġi responsabbiltà. U min twieled, għex u xjaħ rajh f'idejn ħaddieħor, mhux lakemm tkissirlu l-ktajjen tal-jasar u timbuttah fil-ħelsien. Il-maturità soċjali tieħu ż-żmien u kien hemm periklu il mill-kolonjaliżmu imperjali l-poplu malti jgħaddi faċilment għall-kolonjaliżmu ġdid, dak tat-turiżmu, tal-permissività, tal-flus, tal-progress xjentifiku, tad-drogi, vjolenza u sess.

Għalhekk il-patrijottiżmu ideali, li serva tant tajjeb bħala ċentru ta' qawmien u identità nazzjonali f'idejn ir-romantiċi, sar aljenazzjoni soċjali wara l-Indipendenza. Kien meħtieġ li l-poplu malti jemanċipa ruħu minn din l-aljenazzjoni biex isib il-vera tifsira taċ-ċittadinanza maltija mibnija fuq valuri li għandhom jifthuha maż-żmien biex tingħaqad mas-solidarjetà kosmopolita. Iżda kien meħtieġ li l-punt tat-tluq ta' dan l-iżvilupp tal-poeżija patrijottika jkun l-Ideal li għannew G.A. Vassallo, Dun Karm u r-Romantiċi sħabhom.

Għalhekk mhux sew li mmaqdru 'l dawk il-poeti ta' qabilna għax faħħru 'l ommhom imżebilħa kif kienet fl-injuranza ta' wliedha. Kif ukoll mhux sew li nakkużawhom b'nuqqas ta' sinċerità meta għannew il-Fidi ta' missirijietna. Ħafna mill-poeti romantiċi, anki fuq il-kontinent, kellhom viżjoni platonika-nisranija tad-dinja. Kienu jittrattawha bħala simbolu biss ta' xi ħaġa li hi infinitament aktar sublimi. Id-dinja tagħna kienet għalihom xbieha finita ta' dinja oħra metafiżika li ma tidhirx. Għalihom il-VERU u s-SABIĦ kienu assoluti għax jeżistu oġġettivament fid-dinja eterna, filwaqt li r-rifless tagħhom kien jidher fil-veru u s-sabiħ li l-poeta kien jara madwaru f'did-dinja u jesprimihom biex minnhom kien jittraxxendi għall-Għajn ta' kollox. Ir-rifless, bħala parteċipazzjoni, jeżisti oġġettivament ukoll għalkemm fuq livell ta' eżistenza anqas, u għalhekk l-ideat tal-veru filosofiku u tas-sabiħ artistiku m'humiex soġġettivi biss, m'humiex relativi bħalma jgħallmu r-relativiżmu u s-soġġettiviżmu li huma karatterstika ta' ħafna mill-mentalità u l-poeżija moderna.

Dak li jagħmel l-arti u l-filosofija possibbli hu l-fatt li l-Infinit jesprimi r-rifless tiegħu fl-ispazju u ż-żmien. Meta jieqaf dan ir-rifless, jieqfu wkoll l-arti u l-filosofija, u tibda l-kontemplazzjoni eterna ta' l-Infinit. Għalhekk, l-għanja tal-poeta, bħala 'Ħabbar tas-Sewwa u mera tas-Sbuħija', ma tmutx,

iżda tibqa' tgħix għal dejjem. Dan kollu mhux illużjoni klerikali tal-poeta nazzjonali, bħalma forsi jaħsbu xi wħud mill-modernisti. Ma ninsewx li marromantiċiżmu kien sar qawmien reliġjuż fl-Ewropa kollha. Ħafna bdew japprezzaw il-Kattoliċiżmu u l-wirt kulturali u artistiku tiegħu. Chateaubriand kiteb 'Le Génie du Christianisme' bħala innu tal-ġmiel nisrani, u kważi r-romantiċi ġermaniżi kollha spiċċaw jammiraw il-Medju Evu. Li r-reliġjon mhix ċerimonji u ritwali biss, jifhimha l-bniedem umli u sempliċi wisq aktar minn xi wħud mill-modernisti li fl-insistenza esaġerata biex jinqatgħu mit-tradizzjoni reliġjuża ħolqu relazzjoni Alla-bniedem li hi aktar umana milli divina.

Ta' min isemmi li poeta kontemporanju bħal m'hu Daniel Massa rnexxielu jagħraf jagħti ħajja ġdida lill-wirt tradizzjonali ta' sentimenti reliġjużi biex joħloq poeżija kreattiva ta' elementi tradizzjonali u talent personali.

**IL-ĦSIEB ANALITIKU U SINTETIKU**

Illum l-illużjoni materjalista li tqis l-elementi ta' l-analiżi aktar reali minn dawk tas-sinteżi hi komuni ħafna. Infatti l-ħsieb analitiku jittrijonfa kullimkien, fil-letteratura, lingwistika, psikoloġika, filosofija u teoloġija. Naturalment, dan l-istudju analitiku jipprova jillibera l-oġġettività billi jikklarifika l-elementi kostitwenti tar-realtà, bħalma jagħmel l-eżistenzjaliżmu meta jidħol fl-irqaqat partikulari tad-dinja moderna u jdawwal l-istrutturi ta' l-eżistenza umana. Iżda dan l-istudju analitiku u eżistenzjalista, sew bħala prinċipju kif ukoll bħala metodu, jista' jwassal f'sitwazzjoni b'konsegwenzi serji ħafna, għax joħloq separazzjoni artifiċjali bl-insistenza esaġerata fuq l-individwu u b'hekk jipperikola li jeqred il-viżjoni sintetika tar-realtà oġġettiva.

Dak li ħafna drabi jinteressa l-poeta modern, influwenzat kif inhu mill-psikoloġija analitika u l-filosofija eżistenzjalista, mhux aktar il-bniedem universali, jiġifieri, il-bniedem bħala bniedem, iżda aktar il-bniedem bħala individwu, bħala Mario, Albert jew Raymond. Għalhekk, għalkemm dak li l-poeta modern jikteb fil-poeżija fuq id-dubji, in-nuqqas ta' fidi, u l-ambigwità fil-pożizzjoni reliġjuża tiegħu, jista' jitfa' dawl interessanti u meħtieġ fuq il-bniedem maqbud waħdu kif jinsab f'dinja mħawda, dan ittluq eżistenzjalista, minħabba l-istess insistenza ta' konċentrazzjoni individwali, jista' jfarrak u jatomizza r-realtà antropoloġika u metafiżika.

Dan l-istudju eżistenzjalista jonqsu prinċipju ieħor li bih il-bniedem jerġa' jsib l-unità ta' l-univers u l-għaqda bejn il-Ħallieq u l-ħlejjaq. U dan il-prinċipju sintetiku nsibuh fil-poeżija 'Il-Jien u Lilhinn Minnu' fejn Dun Karm, ispirat mill-filosofija u t-teoloġija Tomista, jistudja l-bniedem bħala bniedem, il-bniedem universali, fir-relazzjoni tiegħu m'Alla l-Ħallieq. Xi wħud mill-poeti moderni, influwenzati mit-teoloġija tal-hekk imsejħa 'Death of God Theology' jixtiequ jinqatgħu mill-istrutturi tradizzjonali reliġjużi, hekk kif it-teoloġi ta' din it-teoloġija jixtiequ jinqatgħu mit-teoloġija tradizzjonali għax jaħsbu li ħafna minnha kienet saret astratta u sterili. Il-punt

tat-tluq tar-reflessjoni teoloġika tagħhom huwa s-sentiment ta' l-assenza t'Alla fil-bniedem modern biex fl-aħħar igħidu li joħolqu 'l Alla veru eżistenzjali u konkret fil-bniedem Ġesù. Jiġifieri, kemm dawn il-poeti, kif ukoll dawn it-teoloġi, jitilqu mill-bniedem biex jippruvaw isibu 'l Alla mentri r-realtà hi l-kuntrarju għax it-tluq irid jibda mill-Għajn ta' kollox, u allura b'hekk jinħoloq djalogu bejn il-bniedem kredenti (jew is-soċjetà li temmen) u l-univers, kif insibu f'San Tumas fi żmien il-Medju Evu u fi Pierre Teilhard de Chardin fiż-żminijiet tagħna. Infatti wieħed jistaqsi jekk mingħajr l-influwenza tal-fidi tagħhom f'Alla setgħux San Tumas u Teilhard jaslu, il-wieħed għall-konverġenza bejn ir-rivelazzjoni u l-metafiżika, u l-ieħor għal dik bejn ir-rivelazzjoni u x-xjenza.

**L-IDENTITA'**

L-għajta li toħroġ mill-ġrajja twila umana mhix l-inċertezza tal-jien-naf-li-ma-nafx kif tagħtina x'nifhmu l-poeżija moderna, iżda l-esperjenza pożittiva tal-jien-naf-iżda-naf-ftit-wisq, l-esperjenza tal-kuxjenza umana li għadha m'akkwistatx l-identità kompleta tagħha issa, imma b'daqshekk mhix 'tfarrik' biss. It-tfarrik ta' l-identità individwali mhux xi skoperta moderna. Adam, l-ewwel bniedem, wara l-waqgħa għadda wkoll minn dan it-tfarrik morali, kif ukoll għadda Dun Karm fid-"dalma kbira" li ħassha "tostorlu l-kif u l-għala ta' kull ma hu". L-identità tiġi, kif sew qal il-filosfu daniż Kierkegaard, fid-deċiżjoni fondamentali reliġjuża tagħna li tgħaqqad, bħal katina waħda, il-ħoloq tat-tfarrik ta' ħajjitna mifruda fiż-żmien u fl-ispazju. L-identità hi kisba personali akkwistata fil-fidi u t-tbatija u mhux xi natura umana lesta u mogħtija lilna minn qabel. Għalhekk f'dan is-sens l-eżistenza tiġi qabel l-essenza għax l-ewwel trid teżisti biex wara tikseb xi ħaġa. U dan l-impenn ta' l-identità jilħaq il-quċċata tiegħu f'din id-dedikazzjoni personali, għax fiha biss il-bniedem aljenat mit-tfarrik personali tiegħu jilħaq l-ogħla grad ta' intensifikazzjoni ta' għejxien u tifsir tal-ħajja.

Għalhekk iċ-ċertezza tal-pożizzjoni romantika tal-Jiena-Jien u d-dubju tal-poeti moderni fil-mistoqsija Jien-min-jien? huma żewġ uċuħ ta' l-istess verità ontoloġika. Il-mistoqsija u l-ansjetà huma karatteristiċi tal-bniedem, riżultat tal-limitazzjoni intelletwali umana. Id-dubju ta' l-identità u tar-reliġjon ħassu Dun Karm ukoll fl-ewwel parti tal-' 'Jien' u Lil hinn Minnu' — jiġifieri l-parti tal-poeżija mdawla biss mir-razzjonaliżmu cartesjan. Dan id-dubju għelbu fit-tieni parti bl-intuwizzjoni pascaljana tar-Realtà li teżisti lil hinn mill-Jien. Hemm f'din il-poeżija żvilupp psikoloġiku għax fiha niltaqgħu mal-ġrajja eterna tal-bniedem, bħala iben prodigu, imfarrak fid-dubju tiegħu meta jeħodha kontra Alla l-Missier għax il-bniedem ma jistax jifhmu, imbagħad il-ġlieda twila tas-suppervja umana f'pendlu ta' aċċettazzjoni u rifjut, sakemm fl-aħħar jiddi d-dawl tal-fidi li jimla sa l-anqas rokna ta' qalb il-bniedem fis-sejba ta' l-identità sħiħa tiegħu nnifsu fl-Infinità divina fejn il-kuntrarjetajiet tat-tfarrik kollu jinħallu mingħajr distinzjoni f'Unità Waħda, kif sew igħallem il-mistiċiżmu tar-reliġjonijiet kol-

lha li jħares mhux lejn l-apparenza esterjuri (tfarrik) iżda lejn l-interjorità tar-realtà (identità).

## IL-PSIKOLOĠIJA FIL-POEŻIJA MODERNA

Il-poeżija moderna ispirata mill-psikoloġija freudjana u jungjana tistudja l-bniedem maqbud fil-moviment kontinwu tal-libido mill-inkonxju għall-konxju tiegħu u viċi-versa. Din it-trasmutazzjoni tal-libido permezz tas-simbolu għandha egħruqha fin-natura umana u ilha teżisti mill-bidu taċ-ċiviltà. Il-konxju hu l-quċċata żgħira ta' l-'iceberg' psikoloġiku uman. Dak li jinsab maħżun fil-ġuf profond tal-inkonxju personali u kollettiv jgħinna nifhmu aħjar il-ħsibijiet, ix-xewqat u l-egħmejjel tagħna. Hi din id-dinja inkonxja li l-poeta kontemporanju jixtieq jikxef biex jifhem aħjar lilu nnifsu. Din ix-xewqa u dan l-istudju tad-dinja psikoloġika jidhru fl-analiżi dettaljata tal-imħabba/mibegħda, fin-nuqqas ta' komunikabilità bejn il-bnedmin f'dinja mimlija mezzi ta' komunikazzjoni, fil-ħolm bħala prodott spontanju tal-'psyche', u fit-tama mimlija ansjetà u biża' tat-theddid, li bihom hi mimlija l-poeżija moderna. Il-poeta modern jistudja wkoll il-ħajja sesswali espressa fl-inkonxju kollettiv bħala 'anima' u 'animus', jiġifieri l-element femminil u l-element maskil li jinsabu rispettivament fir-raġel u l-mara u li jġagħluna naġixxu kif naġixxu.

Minn dan l-istudju psikoloġiku l-poeta modern qed jipprova jsib fih innifsu ċentru ġdid (dak li Jung isejjaħlu 'The Self' li hu differenti mill-'Ego'), fejn jinħoloq bilanċ, armonija psikoloġika bejn il-konxju bil-valuri li rnexxielu jakkwista u l-inkonxju bil-vitalità u l-enerġija tiegħu. Dan iċ-ċentru jgungjan jixbah ħafna l-kunċett Hindu ta' Atman, Purusha, u Brahman; jixbah ukoll il-kunċett ta' Tao fil-filosofija ċiniża tas-seklu tlieta u erbgħa qabel Kristu, imfisser tant tajjeb minn Lao Tzu u d-dixxiplu tiegħu Chuang Tzu. Mit-Taoiżmu, Jung ħa wkoll l-ideat ta' 'animus/anima' mfissra fix-xbieha ta' 'Yang/Yin', żewġ qawwiet li jinsabu f'kull wieħed minna.

Meta jsib dan iċ-ċentru psikoloġiku, il-poeta kontemporanju jittama li jkun sab l-identità personali tiegħu, għax jaħseb li l-inkonxju kollettiv jista' jitfa' dawl ġdid li jgħaqqad it-tfarrik li jħossu ġej mill-konxju tiegħu. F'din is-sinteżi tal-konxju/inkonxju, f'din l-armonija ta' oppożizzjonijiet psikoloġiċi jittama li jsib lilu nnifsu jew aħjar l-identità tiegħu li tant ilu jfittex. U għalhekk bħalma Dun Karm sab l-identità tiegħu fl-għaqda tal-Jien u Lilhinn Minnu, fl-unjoni tar-Raġuni u l-Fidi, hekk ukoll il-poeta modern jaħseb li jista' isib l-identità tiegħu permezz ta' l-unità psikoloġika.

Kemm Dun Karm kif ukoll il-bniedem modern, it-tnejn fittxu li jsibu l-unità mit-tfarrik. Id-differenza qiegħda li Dun Karm fittixha fir-realtà oġġettiva tad-dinja spiritwali li tittraxxendi l-'psyche' umana kif inhi mifhuma mill-psikoloġija moderna, filwaqt li l-bniedem modern ħafna drabi maqtugħ minn din ir-realtà spiritwali jħoss ruħu magħluq, bħal f'gaġġa, fir-realtà inferjuri ta' 'psyche' u materja. Għalhekk l-identità li, b'ħafna taħbit, xi wħud mill-moderni jaħsbu li jistgħu jiksbu, tista' tkun prekarja jew illużorja.

**SINTEŻI POETIKA**

Dan ix-xebh ta' l-identità bejn Dun Karm u l-poeta modern jista' u għandu jwassalna f'xebh ta' sinteżi oħra, dik tal-poeżija tradizzjonali u l-poeżija moderna. Fit-tematika u l-istilistika ta' dawn iż-żewġ fergħat tal-poeżija maltija, il-poeti huma differenti għax differenti huma ż-żminijiet li għexu fihom, iżda l-ispirazzjoni hi l-istess u għalhekk waħda.

Diffiċli ħafna tiddefinixxi x'inhi l-poeżija, daqs kemm hu diffiċli ħafna tgħid x'inhi l-arti. Il-ġmiel aħjar titpaxxa bih fl-intimu tiegħek milli tiddefinixxih, għalkemm min iħossu u jarah fih u barra minnu jista' jfissru kif jaf hu, jiġifieri bil-mod jew stil personali tiegħu. F'dan is-sens hemm min igħid li l-istil hu l-poeta.

Wieħed jifhem ukoll il-protesta qawwija tal-poeti moderni żgħażagħ tas-snin sittin meta ħaduha kontra l-versifikaturi romantiċi-sentimentali li identifikaw il-poeżija ma' l-istanza, ir-rima u r-retorika. Dawn il-versifikaturi kitbu biss proża (u proża fqira wara kollox) irrimata, u qatt ma jmisshom dehru fl-ebda antoloġija studjata mill-istudenti tagħna fl-iskejjel. B'hekk seta' nħoloq kriterju letterarju żbaljat ta" x'inhi l-vera poeżija. Iżda li tħalli l-kurrent tal-protesta jkaxkar miegħu anki dak li hu tajjeb, kif jagħmel min jagħti x'jifhem li l-poeżija maltija bdiet issa, hi mentalità żbaljata wkoll u tista' tagħmel ħafna ħsara lill-istudenti. Dun Karm kien u jibqa' l-Poeta Nazzjonali għal ħafna raġunijiet, igħidu x'igħidu l-modernisti.

Il-poeżija hi simbolu, metafora, tixbih, u n-nuqqas tiegħu kien il-kawża prinċipali tad-dekadenza tal-poeżija romantika. Għalhekk għamel sew il-poeta modern meta raġa' sab ir-ruħ ta' l-ispirazzjoni poetika. B'hekk għamel il-poeżija aktar impenjattiva, aktar intellettwali, għax it-tifsira tas-simbolu hi infinita u taċċetta aktar minn fehma waħda. Is-simbolu poetiku modern hu konċiż ħafna għax iżomm biss il-kelma ewlenija. Iżda meta l-poeżija tkun sensiela waħda ta' simboli mdaħħlin wieħed f'wieħed tistħajjilhom ħajt mibni apposta mill-poeta biex iżommok barra mid-dinja ġewwinija tiegħu. Dan jagħmel il-poeżija moderna diffiċli biex tifhimha, u t-tort mhux dejjem tal-qarrej. Naf li l-ġmiel tal-poeżija m'għandux jinqered bl-insistenza tal-qarrej biex jiddissektja u janalizza kull vers. Naf ukoll li l-oskurità fil-poeżija moderna hi fiha nfisha mera tad-dinja psikoloġika mħawda u mfarrka tal-poeta modern. Iżda l-problema qiegħda f'idejn l-għalliem li mhux dejjem isib għajnuna, lanqas minn għand dawk stess li kitbu l-poeżija. L-istudenti wkoll jindunaw li l-kobor tal-poeżija lanqas qiegħed fil-ħafna 'gimmicks' ta' xi wħud mill-modernisti. Il-poeti kbar ta' 'Linji Ġodda' jinsistu fuq is-simbolu wisq aktar milli fuq il-forma tipografika tal-kliem u l-vrus.

Il-polemiki joħloqhom min għadu jgħix fl-artifiċjalità taċ-ċirkumferenza. Infittxu ċ-ċentru taċ-ċirku fejn tinsab l-għajn ta' kull ispirazzjoni poetika.

---

JOSEPH VELLA, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., Ph.Lic. is Head of the Department of Maltese, Liceo Vassalli, Tal-Ħandaq, Malta.